29 ta' Novembru, 1945.

Imħallef :

L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

**Onor. Dr. Alexander Briffa M.D., D.P.H. ne.**

*versus*

**Frangisk Attard et.**

**Eżekutur Testamentarju — Rappreżentanza Ġudizzjali — Illegittimità tal-Persuna — Istituti Karitatevoli — Operazzjoni Kirurġika — Preskrizzjoni.**

*Għalkemm l-eżekutur testamentarju għandu l-attribuzzjoni li jissodisfa d-dejn tal-mejjet, huwa però ma jistax jirrappreżenta l-wirt f'kawżi intiżi sabiex jikkanonizzaw krediti kontra l-istess wirt li ma humiex rikonoxxuti mill-mejjet, u li ma jirriżultawx kjarament minn xi att tal-mejjet jew xi dokument minnu mħolli. F'dawn il-każijiet il-ġudizzju għandu jiġi istitwit in kontestazzjoni anki tal-werrieta tal-mejjet, jew tal-wirt battal tiegħu.*

*Il-preskrizzjoni ta' l-azzjoni tal-Gvern għall-ispejjeż tal-manteniment u kura ta' min jiġi rikoverat f'xi istitut karitatevoli hija dik ta' ħames snin. Jekk dik il-kura tkun tikkomprendi xi operazzjoni kirurġika, tibqa' applikabili għall-ispejjeż ta' din l-operazzjoni l-preskrizzjoni ta' ħames snin, u ma tiġix applikabili dik ta' sen-*

*tejn, għax il-ħtieġa ilha qiegħed jitlob l-ispejjeż li għamel għal-kura, u l-ispejjeż tad-domanda ma' dawk l-onorarju tal-kirurgu li għamel l-operazzjoni.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur *nomine* talab illi l-konvenuti *jiġu* kundannati jħallsu lilu s-somma ta' £15. 12. 0 għall-kura u manteniment ta' Giusta Mifsud f'Bugeja Hospital, u ċjoè huma in kwantu għal £15 bħala "fee" għal *operazzjoni*, u in kwantu għal 8s. ta' manteniment, u in kwantu għal 4s. għal kiri ta' ambulanza—kollox kif stabbilit mill-Kummissjunarji *tal-Karità* fis-6 ta' Diċembru 1944. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tal-25 ta' Mejju 1945;

*Omissis;*

*Tikkunsidra;*

Illi mill-provi jirriżulta illi l-imsemmija Giusta Mifsud ġiet ammessa fl-Isptar "Bugeja"............ Hija ġiet operata, *però mietet malajr*............;

Illi l-konvenut Avukat Dr. Xuereb eċċepixxa l-ewwelnett illi huwa għandu jitneħħa mill-kawża, għaliex bħala eżekutur testamentarju ma għandux ir-rappreżentanza tal-wirt ta' l-imsemmija Giusta Mifsud f'kawża bħal din, fejn qiegħed jiġi reklamat kreditu kontra dak il-wirt;

Tikkunsidra fuq dina l-eċċezzjoni;

Illi għalkemm l-eżekutur testamentarju għandu l-attribuzzjoni *li jissoddisfa d-dejn tal-mejjet, ma jistax però jirrappre*żenta l-wirt f'kawżi ntiżi sabiex jkkanonizzaw pretiżi krediti kontra l-istess wirt—krediti mhux *rikonoxxuti* mill-mejjet u li *ma jirriżultax* kjarament minn xi att tal-mejjet jew minn dokumenti minnu mħollija, f'liema każijiet il-ġudizzju għandu jiġi istitwit in *kontradittorju* anki ta' l-eredi jew ta' kuratur nominati biex jirrappreżentaw il-wirt, jekk ġjaċenti; għaliex l-eredi jew il-wirt għandhom *interess evidenti* illi l-eredità ma tiġix *dikjarata* soġġetta għal djun;

Illi f'dan il-każ il-ġudizzju ġie istitwit in kontradittorju ta' l-eżekutur minħabba l-*attribuzzjoni* tiegħu li jissoddisfa d-debiti tal-mejta Giusta Mifsud, u wkoll kontra l-eredi tagħha, konformement għal dak li ntqal fuq; u għalhekk il-ġudizzju ġie sewwa *istitwit kontra* l-leġittimi kontradittuti;

Tirrespingi għaldaqstant l-eċċezzjoni, mingħajr taxxa ta' l-ispejjeż;

Tikkunsidra:

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi però, il-konvenut jeċċepixxu l-preskrizzjoni ta' sentejn għar-rigward ta' l-ispiża relativa għall-operazzjoni;

Illi dejjem gie ritenut illi l-preskrizzjoni applikabili għall-kura u manteniment prestati mill-Gvern fl-Istitut tal-Karità hija dik ta' ħames snin, u mhix applikabili, għal dak li għandu *jitħallas għall-operazzjoni, il-preskrizzjoni ta' sentejn*, għaliex mhux qiegħed jitlob il-ħlas ta' l-onorarju tiegħu l-kirurgu li eżegwixxa l-operazzjoni, imma l-Gvern qiegħed jitlob ir-ripetizzjoni ta' dak li swewlu l-kuri li pprestalu lil Giusta Mifsud, fost liema kuri li għalihom ħasbilha nzerta kien hemm anki l-ħsieb għall-operazzjoni;

Għal dawn il-motivi;

Tirrespingi l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni għal dak li jirrigwarda l-ispiża għall-operazzjoni, bl-ispejjeż kontra l-konvenut Franġisk Attard;

Tilqa' t-talbiet ta' l-attur nomine, bl-ispejjeż anki f'dan il-każ kontra l-istess konvenut Attard.

---